

Brussell, 19 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10422/19

SOC 498
EMPL 386
SAN 312

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru wieħed tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Ungerija

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Deċiżjoni li taħtar membru supplenti wieħed tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), għall-Ungerija. Dan it-test qed jintbagħat għall-finalizzazzjoni mill-Ġuristi-Lingwisti, qabel l-adozzjoni tiegħu minn sessjoni futura tal-Kunsill.

Abbozz ta'

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li taħtar membru wieħed

tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol
għall-Ungerija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li tistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Wara li kkunsidra l-lista ta' kandidati ppreżentata lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri u mill-organizzazzjonijiet tal-impjegati u ta' min iħaddem,

Wara li kkunsidra l-lista tal-membri u membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tad-9 ta' April 2019², il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu mill-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2023.
- (2) L-organizzazzjoni ta' min iħaddem BusinessEurope ppreżentat nomina għal post li jrid jimtela,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58.

² ĠU L 137, 11.4.2019, p. 7.

Artikolu 1

Din li ġejja hija maħtura bħala membru tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023:

I. RAPPREŻENTANTI TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET TA' MIN IĦADDEM

Pajjiż	Membru	Supplenti
L-Ungerija	Is-Sinjura Judit H. NAGY	

Artikolu 2

Il-Kunsill għandu jaħtar lill-membri u l-membri supplenti li għadhom ma ġewx innominati f'data aktar tard.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
